# Santwarju tal-Ħerba (B'Kara)



kitba ta' **Loreto J. DALLI**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna fil-gżejjer Maltin huma diversi. Għandna kappelli, knejjes u santwarji taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija. Għaliex?



*Il-knisja tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara.*

Ir-raġuni fil-fehma tiegħi u ta' ħafna hija li missirijietna dejjem raw l-id ta' l-hena t'Alla fuqhom u wliedhom permezz ta' Marija - is-Sultana tas-smewwiet. Għaldaqstant, il-poplu ta' dawn il-gżejjer dejjem ra fil-Madonna, dik l-omm tagħna l-Maltin u l-Għawdxin - Omm tal-ħniena.

Fost l-aktar raġunijiet riċenti u li tissemma' b'insistenza hija l-providenza lill-poplu Malti permezz ta' Marija li ħafna drabi hija kkunsidrata bħala s-salvazzjoni tal-poplu Malti. Bħala eżempju hemm il-każ tal-Konvoj ta' Santa Marija.

U kienet propju din il-ġrajja, tal-Konvoj ta' Santa Marija, li din is-Soċjetà fakkret b'pompa kbira fir-Rotunda tal-Mosta ftit qabel il-festa ta' Maria Assunta ta' l-2003 b'mużika ta' Mro. Emanuel Spagnol, fuq il-versi tal-Prof. Oliver Friggieri. U hawnhekk ma nistax ma ngħidx prosit lis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard tal-kontribut li tagħti.

Il-qima lejn l-għid ta' l-Assunta hija devozzjoni antika ħafna. Fil-fatt miż-żjajjar li saru lejn l-1420 f'Bir Miftuħ (il-Gudja) tidher li d-devozzjoni lejn it-Tlugħ fis-sema tal-Madonna kienet diġà preżenti. Anke fiż-żjara ta' l-Isqof Baldassare Cagliares li kien għamel fis-Santwarju tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara fl-1615, kien sab li l-knisja kienet imsejħa għall-qima tat-Tlugħ fis-Sema ta' Ommna Marija.

X'inhi d-definizjoni tal-kelma 'Santwarju'? Santwarju huwa post qaddis fejn l-insara jmorru f'pellegrinaġġi numerużi u ta' spiss u dan bl-approvazzjoni ta' l-isqof tal-post (Kan. 1230).

Il-Kodiċi l-ġdid jipprovdi li r-rikonoxximent għall-isem ta' Santwarju, 'internazzjonali' jew 'nazzjonali', rispettivament jistenna lis-Santa Sede jew il-konferenza episkopali li tkun kompetenti (skond Stefano De Fiores Salvatore, minn *Neo. Nuovo Dizionario Mariologio, p. 1253*).

Ta' min jgħid li l-kelma 'santwarju' hija aktar għażiża mill-kelma 'knisja'. L-istess bħal-Lhud li għalihom il-kelma 'santwarju' kienet aktar għażiża mill-kelma 'tempju'. Għalhekk meta ngħidu 'santwarju', inkunu qed nirreferu għall-knejjes li huma aktar għeżież minn oħrajn.

Wieħed mis-Santwarji Marjani fil-gżejjer Maltin ta' fama u devozzjoni kbira huwa bla dubju dak tal-Madonna tal-Herba f'Birkirkara. Dan is-Santwarju jinsab tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-Kolleġġjata Bażilika ta' Sant'Elena, jew aħjar fuq in-naħa ta' wara tal-Kolleġġjata.



*Il-kwadru titulari, 1668-1679.*

Is-Santwarju tal-Herba hu wieħed ħelu u tal-ġabra. Dan jixhduh l-għadd kbir ta' nies b'mod partikolari nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Sibt - il-ġranet li għall-Maltin huma magħrufa bħala tal-Madonna - fejn isiru għadd ta' żjajjar lix-xbieha ta' Ommna Marija taħt it-titlu "tal-Herba".

Il-kwadru f'dan is-santwarju huwa xogħol li sar bejn l-1668 u l-1679 u ġie nkurunat nhar is-7 t'Awwissu 1910, meta lill-Madonna u lill-Ġesù tpoġġewlhom kuruni miżgħuda bid-djamanti.

Attività ħelwa marbuta ma' dan is-santwarju hija dik taċ-ċelebrazzjoni tal-preżentazzjoni tat-trabi lill-Ommna Marija Santissima. Din issir nhar is-Sibt qabel il-festa tat-tifkira ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru li ssir fl-ewwel Ħadd t'Awwissu.

Kif wieħed ikun dieħel mill-bieb tas-santwarju jara taħt riġlejh kitba bil-latin fuq irħama bajda li tgħid hekk:



Il-Kwadru l-qadim.



Dettall mill-kwadru tal-Madonna tal-Ħerba. Kien ġie nkurunat fis-7 t'Awwissu 1910.

*DUM HOC TEMPLUM INGREDERIS*
*MEMENTO*
*QUIA DOMINUS SANCTIFICAVIT*
*ET*
*MARIA SIBI ELEGIT*
*TABERNACULUM HOC*

Bil-Malti dawn il-kliem ifissru hekk: "*Inti u dieħel f'dan it-tempju ftakar illi l-Mulej qaddsu u Marija ħatritu għamara għaliha.*"

Is-Santwarju tal-Ħerba, illum għandu forma ta' 'salib latin' bħal ħafna knejjes f'Malta, infatti huwa magħmul minn korsija, kor u żewġ kappelluni. Iżda oriġinarjament, jiġifieri qabel ma tkabbar bejn l-1923 u l-1928, kien imqassam mod ieħor.

Illum malli tidħol fis-Santwarju jiġi quddiem għajnejk il-kwadru mirakoluż tal-Madonna tal-Ħerba. Fiċ-ċentru ta' dan il-kwadru hemm il-Madonna fuq is-sħab, b'idha x-xellugija żżomm lil Binha Ġesù, tarbija vera ħelwa, u b'idha l-leminija miftuħa. Dan il-kwadru m'huwiex l-ewwel wieħed li kien hemm fis-Santwarju jew fil-korsija ewlenija imma huwa *fac simile* ta' ieħor li huwa eqdem u akbar sewwa minnu.

Id-devozzjoni u qima ma ntwerewx biss mill-poplu, iżda anke minn isqfijiet li taw ġieħ lill-Madonna tal-Ħerba. Mill-atti taż-żjajjar pastorali ta' l-isqfijiet ta' Malta nindunaw illi dawn dejjem urew qima u ġieħ lill-Madonna tal-Ħerba. Per eżempju, l-Isqof Mons. Vincenzo Labini fil-viżta pastorali tiegħu ta' l-1 ta' Lulju 1783, kien ordna illi fil-jum tal-Ħdud u l-btajjel kollha ħadd ma jkun jista' jqaddes fil-knejjes iż-żgħar għajr għal dik tal-Ħerba!

L-għadd ta' indulġenzi li taw l-isqfijiet lil dan is-Santwarju juru l-qima li l-isqfijiet kellhom lejh. L-Isqfijiet Mons. Pietru Pace u Mons. Mawru Caruana qaddsu wkoll f'dan is-Santwarju. Dan juri u jixhed il-qima qawwija lejn il-Madonna tal-Ħerba.

Niffukkaw issa fuq ix-xewqa ta' l-inkurunazzjoni. Xewqa, li kważi kienet ħolma u li kienet konsistenti f'moħħ diversi devoti. Wasal jum l-inkurunazzjoni - is-7 t'Awwissu 1910 - iżda l-festi bdew qabel, eżattament il-Ħamis 4 t'Awwissu 1910. Numru kbir ta' insara, kważi minn madwar Malta kollha, f'dawn il-jiem resqu lejn dan is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba.

Il-Ħadd 7 t'Awwissu 1910, imbagħad kien il-jum mistenni - Jum l-Inkurunazzjoni. Il-Prepostu fis-sitta u nofs ta' fil-għodu qaddes il-quddies bil-fervorin. Fid-disgħa wasal l-Isqof Mons. Pietru Pace u ftit wara bdiet iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazzjoni. L-Isqof bierek iż-żewġ kuruni miżmuma fuq żewġ imħaded miż-żewġ Imħallfin Antonio Micallef u Alfredo Parnis.

Kif spiċċat il-quddiesa pontifikali, iż-żewġ Isqfijiet flimkien ma' l-Imħallfin telgħu fuq il-palk li fuqu kien hemm ix-xbieha tal-Madonna tal-Ħerba. Hemmhekk l-Isqof Mons. Pace qiegħed il-kuruna ż-żgħira fuq ras Ġesù, imbagħad qiegħed il-kuruna l-kbira fuq ras il-Madonna.

Il-festa ta' dakinhar żgur li baqgħet imnaqqxa fil-qlub ta' dawk kollha preżenti u saħansitra spiċċat bil-barka sagramentali mogħtija mill-Isqof t'Għawdex, Mons. Giovanni Maria Camilleri.

Dan is-Santwarju kellu diversi prokuraturi li ħadmu bla heda għall-ġid tiegħu. Minn lista ta' prokuraturi msemmija mill-1716 sal-lum kien hemm mill-anqas dsatax-il prokuratur. Jidher li l-ewwel prokuratur kien Paolo Gauci (1716) u l- prokuratur attwali huwa l-Kanonku Dun Pawl Gauci.

F'dan is-Santwarju hemm numru kbir ta' kwadri *ex-voto*. Dawn qegħdin maqsumim f'żewġ sezzjonijiet ewlenin. Sezzjoni ta' kwadri tal-wegħdi li għandhom x'jaqsmu ma' grazzji li qalgħu l-baħħara, sajjieda u passiġġieri li vvjaġġaw bil-baħar. Minn dawn hemm madwar 183 kwadru. Sezzjoni oħra ta' kwadri għandhom x'jaqsmu ma' grazzji ta' fejqan u ringrazzjamenti lill-Verġni Marija. Minn dawn hemm 312-il kwadru.

Il-qima lejn il-Madonna fil-gżejjer Maltin hija xi ħaġa ħajja u b'għeruq qodma. Birkirkara għandha tkun kburija li għandha dan is-Santwarju għażiż tal-Madonna tal-Ħerba. Il-kwadri *ex voto* f'dan is-Santwarju antik huma xhieda qawwija tat-twemmin tal-Maltin f'Ommhom Marija Santissima, taħt dan it-titlu.

Jekk inħarsu lejn il-ġrajja ta' dan is-Santwarju u naħsbu ftit, il-mistoqsija tiġi waħedha. Mela missirijietna fil-Mosta x'fidi u qima kellhom f'Sidtna Marija, taħt it-titlu ta' l-Assunta, meta tellgħu tempju ta' l-għaġeb bħal dak tar-Rotunda fl-1870?!

**Referenzi:**


1. *L-Istorja tas-Santwarju tal-Ħerba - Kan. Dun K. Vella Apap, Gozo.*
2. *Storja ta' B'Kara - E.B. Vella.*
3. *Medieval Malta - M. Buhagiar.*
4. *Il-Madonna u s-Santwaru tal-Ħerba - Kav. G. Dimech Debono.*
5. *Marian Devotions in the Islands of St. Paul - V. Borg.*